**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 t'April 2017**

**Talba Nru: 129/17 CZ**

**Frank Borda Limited**
**C 446**

**vs**

**Carlos Scerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Marzu 2017 fejn is-socjeta' attrici premettiet:

Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, seba' mija u sitta u sebghin Euro u disghin centezmu (€1,776,90) centezmu rapprezentanti bilanc ta' import ta' wiehed u ghoxrin kambjala skaduti u mhux imhallsa (Dok. A).

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenuta, debitament notifikata, ma prezentax risposta.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema' l-ammissjoni tal-konvenut matul is-seduta tal-25 t'April 2017, hekk kif verbalizzata;

Ra l-verbal tas-seduta wkoll tal-25 t'April 2017 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu illi t-Tribunal jghaddi ghas-sentenza a bazi tas-segwenti:

Il-partijiet qed jablu li l-hlas ta' dak mitlub fit-talba promotrici ta' din il-kawza ghandha tithallas permezz ta' pagament wiehed ta' seba' mitt Euro (€700) fil-15 ta' Mejju 2017 u hlasijiet mensili sussegwenti ta' mija u hamsin Euro (€150) kull hmistax-il jum ta' kull xahar sakemm it-talba bl-ispejjez u imghaxijiet jigu mhallsa. Dawn il-hlasijiet jibqghu ghaddejjin sakemm jigu maqtugha l-imghaxijiet mitluba u l-ispejjez ta' din il-kawza.

B’dan illi jekk jonqos ihallas anke pagament wiehed, irid jithallas l-ammont kollu minnufih.

Illi wara dan il-verbal, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidra;**

Illi kif ġie dikjarat mill-qrati nostrani, “it-transazzjoni għandha żewġ elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-oħra; l-ewwel wieħed hu d-dubju, li minnu jridu joħorġu l-partijiet billi jirriżolvuh huma stess minflok iħallu d-deċiżjoni fuqu għall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattiċi jsejħu l-“hinc inde remissum”, ċjoè il-konċessjoni jew sagrifiċċju reċiproku” (Kollez. Vol. XLIII.i.418). It-transazzjoni “għandha l-effett ta’ sentenza li tgħaddi f’ġudikat u għalhekk it-tranzazzjoni hi parifikata għal sentenza (Kollez. Vol. XXXIV.iii.900).

Illi permezz tal-verbal fuq imsemmi, il-partjiet ghazlu li minflok jifformalizzaw it-tranzazzjoni permezz ta’ ftehim bejniethom, tigi formalizzata permezz tas-sentenza ta’ dan it-Tribunal. It-Tribunal, kunsidrat il-qbil li hemm bejn il-partijiet, ma jistax hlief jifformalizza l-ftehim milhuq bejniethom, u ma jista’ jnaqqas jew izid xejn minnu.

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u dan billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, seba’ mija u sitta u sebghin Euro u disghin centezmu (€1,776.90), li ghandhom jithallsu hekk kif gej:**

**Ghandu jsir hlas ghal darba ta' seba' mitt Euro (€700) fil-15 ta' Mejju 2017;**

**Ghandhom imbaghad isiru hlasijiet mensili sussegwenti ta' mija u hamsin Euro (€150) li jithallsu fil-hmistax –il jum ta' kull xahar sakemm jithallsu l-kapital u l-imghax skond il-ligi, u l-ispejjez ta' din il-kawza.**

**L-imghaxijiet ghandhom jithallsu mill-konvenut kif mitluba fit-talba attrici, u cioe' mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala.**

**Jekk madankollu l-konvenut jonqos milli jhallas skadenza wahda, jitlef il-beneficcju tat-terminu, u l-bilanc isir dovut minnufih.**

**Ghal kull fini jerga' jinghad li l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna ghandhom jithallsu mill-konvenut.**

**Avukat Dr. Claudio Zammit**
**Gudikatur**